Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TA' l-ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2010

**Ħin:** Mis-6.40pm sat-8.15pm

**Prezenti:** Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u kien hawn quorum il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disa' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Disa' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tad-Disa' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea informa lill-Kunsill illi s-Sur J. Magro ta' l-AKL infurmah illi l-applikazzjoni biex isiru l-*bus shelters* f'Ħal Balzan ntbagħtet lill-MEPA. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikkuntattja lill-MEPA biex tara fl-liema stadju tinsab l-applikazzjoni.

2. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio innota li hekk kif tibda s-sistema l-ġdida tal-karozzi tal-linja ser tintuza tip ta' karozza *hybrid* bejn il-Kunsilli ta' Ħ'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan li tasal sa l-isptar Mater Dei.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-prezentazzjoni minn DConsulta Ltd lill-Forum Lokalita' dwar is-SEAP ser issir fl-1 ta' Diċembru fis-6.30pm. Il-membri tas-sotto-kumitat ġew infurmati biex jattendu.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-prezentazzjoni minn DConsulta Ltd lir-residenti dwar is-SEAP ser issir fis-16 ta' Diċembru fis-6.30pm u l-istedina għal-laqgħa fil-forma ta' *flier* lir-residenti kollha bdiet titqassam dalgħodu.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-laqgħa tal-Lokalita' ser issir fit-2 ta' Diċembru 2010 fis-7.00pm fil-Kazin San Gabriel peres li l-Kappillan kien irtir u ma stajniex nikkuntattjawħ biex nibbukkjaw is-Sala Aurora sakemm ħriġna l-avviz tal-laqgħa lill-media. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona li fis-snin li ġejjin il-laqgħat tal-lokalita' jsiru f'wieħed mill-kazini tar-raħal f'din l-ordni, s-sena d-dieħla fil-Kazin Marija Annunzjata, Balzan Youths Football Club fis-sena ta' wara, Uffiċċju Nazzjonalista u Ċentru Laburista, fil-kaz ta' l-aħħar tnejn l-ordni jekk isirx f'wieħed jew l-ieħor l-ewwel tista tinbidel, laqwa li kull kazin ikun involut u b'hekk f'ħames snin tkun saret laqgħa tal-Lokalita' f'kull kazin tar-raħal. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

6. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi kellu laqgħa mas-Sur Brincat dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-kawza tar-residenti dwar il-kaz ta' Triq San Frangisk / San Gabriel. Peres li r-residenti kienu diġa pprezentaw rikors fil-qorti, is-Sur Brincat kellu jkellem lill-avukat tiegħu biex il-Kunsill jidħol fil-kawza. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li f'dan l-istadju u sakemm l-ispejjes ma jkunux għoljin, dawn ser jitħallsu mis-Sur Brincat u hemm ftehiem bejn ir-residenti illi jekk l-ispejjes jitilaw jinqasmu bejniethom. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio għamilha ċara lis-Sur Brincat illi jekk ikun hemm xi spejjes għal-Kunsill, biex jidħol fil-kawza huwa jrid jinforma lill-Kunsill minn qabel ma jsiru l-ispejjes sabiex jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi saret talba lill-Transport Malta biex jinżebgħu *double yellow lines* biex ma tkunux ostakolata l-entratura tal-garaxxijiet fi Triq iż-Żekkuk, wara li saret speżżjoni skond il-ftehiem fl-aħħar laqgħa biex naraw jekk it-talba hiex ġustifikata.

8. Il-Viċi-Sindku nnota li minkejja x-xogħol li sar biex titella l-maratona b'risq il-*Community Chest Fund* kull ma applikaw kienu tlett persuni sal-Ġimgħa, 12 ta' Novembru 2010 għaldaqsant il-maratona ma tistax issir.

9. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi huwa tkellem ma l-Onor. Dr. George Pullicino dwar il-bżonn ta' restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija imma huwa nfurmaħ illi l-*budget* ta' Heritage Malta għad-din is-sena u s-sena d-dieħla diġa huwa *committed* fuq xogħol ta' restawr fil-Belt. Il-Kunsill innota li s-sena d-dieħla għadu joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid għar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija. Il-Kunsill għadu jikkunsidra x'jista jagħmel biex jiġbed l-attenzjoni għal-bżonn li din l-istatwa tiġi restawrata, anki jekk ikun hemm bżonn tiġi mgħottija biex ma tibqas issir ħsara mill-elementi.

10. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio fakkar li huwa u s-Sindku għandhom laqgħa ma l-Onor. J. Azzopardi fit-30 ta' Novembru 2010 fid-9.00am dwar l-art f'Wesgħa l-Prof. G. Aquilina.

**3. <u>Korrispondenza.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-4 ta' Novembru 2010 u t-23 ta' Novembru 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-23 ta' Novembru 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 1128/10:** Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza dwar il-kwistjoni ta' infurzar li sar fi Triq il-Lunzjata fl-Lulju 2010 (mehmuza). Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill illi huwa tela' f'waħda mill-kawzi bħala xhud, liema kawza ġiet diferita għas-sena d-dieħla biex jiġi

ċċarat xi struzzjonijiet ingħataw dakinhar tal-kaz. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio qal li huwa ra l-korrispondenza li għaddiet bejn is-Segretarju Ezekuttiv u l-Authorized Officer u ser jitla bħala rapprezentant tal-Kunsill u biex jgħin lill-Viċi-Sindku fl-istess kawza.

**Ittra Numru 1149/10:** L-*email* dwar id-deċizjoni tal-Kumitat Konġunt dwar l-iskeda tal-gwardjani lokali ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill hux kuntent bil-ħinijiet. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġeżżjoni dwar il-ħinijiet indikati.

**Ittra Numru 1145/10:** L-*email* mid-DLG dwar l-Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-Vodafone fejn l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx milqugħa biex tingħata għajnuna ġiet innutata.

**Ittra Numru 1115/10 u 1124/10:** L-*email* tas-Superjur tal-Muzew tas-Subien dwar infurzar li sar fil-Wied ta' Ħal Balzan ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinforma lis-Superjur li għandhu jissottometti petizzjoni lill-*petitions board* u minn naha tiegħu l-Kunsill jgħinu biex jipprepara l-petizzjoni minħabba fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

**Ittra Numru 1116/10:** L-ittra tal-Manager ta' Villa Bologna, f'Attard ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg għandu jikkuntattjahom dwar il-materja.

**Ittra Numru 1103/10:** It-talba għal-laqgħa mal-Greenpak dwar iniżjattiva għal-żmien il-Milied ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret lill-Kunsill illi l-laqgħa ser issir għada fit-8.30am.

**Ittra Numru 1101/10:** L-ittra tal-MEPA dwar l-ittra ta' oġġezzjoni tal-Kunsill dwar "Trinidad" fi Triq il-Kbira ġiet innutata.

**Ittra Numru 1095/10:** L-ittra mill-Youth Section dwar Kunsilli Lokali Zgħażagħ ġiet innutata.

**Ittra Numru 1087/10:** L-ittra ta' rapprezentant tar-residenti ta' Triq l-Għerusija dwar għajnuna biex tinxtgħel l-arja għal-żmien il-festi tal-Milied u ta' l-ewwel tas-Sena ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament approva li jħallas l-ispejjes għal-użu tad-dawl.

**Ittra Numru 1086/10:** L-ittra ta' resident dwar l-għargħar li sofra fl-aħħar maltempata ġiet innutata. Il-Kunsill innota li minkejja li ma jidħolx fi kwistjonijiet privati ta' bejn il-ġirien, ser jikteb lis-sid ta' l-għalqa biex iħeġġu jieħu passi biex jiġi evitat għargħar ta' terżi persuna mill-propjeta tiegħu. Kopja tal-korrispondenza għandha tingħata lir-residenti li lmentaw li sofrew għargħar.

## 4. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>

Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi għandu informazzjoni li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan għal-*upgrading* tal-pjazza taħt l-ERDF ġiet *shortlisted*.

## 5. <u>Rapport dwar l-ilmenti.</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tat-23 ta' Novembru 2010 (mehmuz).

Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-puluzija qed jerġa jagħtu *tickets* fi Sqaq Numru 2 fi Triq il-Kbira matul il-lejl fuq *parking* fuq il-bankina. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikteb lis-Superintendent ta' l-Għassa ta' Birkikara biex tiġbed l-attenzjoni dwar dan u biex jekk jista jkun l-puluzija ma jagħtux *tickets* lil-dawn is-sewwieqa li huma residenti ta' l-istess sqaq li jipparkjaw hemm minħabba li hemm problema ta' *parking* u dan jagħmluh biex ma jostakolawx

l-aċċess għal-isqaq. Il-Viċi-Sindku nnota li huwa dispost li jiltaqa mas-Superintendent dwar din il-materja jekk hemm bżonn. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tikteb lill-Transport Malta biex jinħareġ permess biex ikun jista jsir *parking* fuq parti mill-bankina.

**Ilment Numru 17010099133836:** Talba biex tgħola l-bankina fil-Wied ta' Ħal Balzan minħabba fl-għargħar. Il-Kunsill innota li l-bankina diġa hija għolja fil-post indikat u xogħol fuq bankina ma jistax jsir qabel ma titieħed deċizjoni li jsiru bankina ġodda u tiġi rranġata t-triq u dan meta l-fondi jippermettu peres li hemm diversi talbiet biex jiġu rranġati bankini fil-Wied ta' Ħal Balzan.

**Ilment Numru 17010038133886:** Talba biex tiġi rranġata l-bankina u jsiru bankini ġodda fi Triq Sigismondo Dimech. Il-Viċi-Sindku nnota li huwa u s-Segretarju Ezekuttiv kienu ltaqaw mal-Perit L. Cassar minn Transport Malta fuq il-kaz u li s'issa ma hemmx risposta. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio għandu jagħmel follow-*up* fuq il-materja.

**Ilment Numru 17010080133896:** Talba biex titwessa l-bankina fi Vjal il-Bon Pastur għax ma tistax tgħaddi *b'wheelchair*. Il-Kunsill innota li din hija problema f'ħafna mill-bankina madwar Malta u l-Kunsill ma jistax jbiddel il-wisa tal-bankina mingħajr permessi u mingħajr ma jkollu l-fondi neċessarji biex dan isir.

**Ilment Numru 17010081134179:** Ilment li Triq il-Barriera taqleb għal-propjeta privata. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea għandu jmur fuq il-post biex jara jekk hemmx xi ostakolu li jwaqqaf l-ilma milli jmur fil-barriera peres li fl-antik għal xi raġuni l-livelli tat-triq kienu jidderiġu l-ilma ta' nofs Triq il-Barriera lejn l-barriera ta' l-Isperanza.

**Ilment Numru 17010001134774:** Talba biex resident iqiegħed qsari fuq il-bankina ġiet approvata unanimament.

**Ilment Numru 17010049134776 u 17010022135561:** Talba biex Triq it-Tabib Zammit issir *Residential parking* ma ġietx milqugħa għax ikun hemm impatt neġattiv fuq it-toroq tal-viċin.

**Ilment Numru 17010075135100:** It-talba għal-infurzar dwar abbuzi tat-*Traffic Lights* fi Vjal De Paule ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg għandu jieħu ħsieb jressaq l-ilment lill-Kumitat Konġunt sabiex isir infurzar.

**Ilment Numru 17010039133500:** It-talba biex titqiegħed CCTV camera biex isir infurzar fuq abbuzi tat-*Traffic Lights* fi Vjal De Paule ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg għandu jieħu ħsieb jressaq l-ilment lill-Kumitat Konġunt sabiex jikkunsidra t-tqiegħid ta' CCTV camera u dan sakemm ma jkunx hemm spejjeż għal-Kunsill peres li din hija arterja prinċipali.

**Ilment Numru 17010009135355:** Resident jinnota li fi Triq B. Bontadini vetturi jostakolaw il-bankina għax jidħlu bil-*bumper* fuqha. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tipprezenta kwotazzjoni fil-laqgħa li jmiss għat-tqiegħid ta' *planters* biex tissolva din il-problema.

**Ilment Numru 17010024135462:** Titlob li l-*warden* li jkun ma l-iskola Stella Maris ma jħarrikx lill dawk li jiġru t-tfal speċjalment jekk ikunu pparkjatta *double parked* imma li jippermettu li tgħaddi karozza mingħajr problemi fil-ħin ta' bejn is-1.00pm u s-1.30pm. Il-Kunsill innota l-ilment u nnota l-fatt li minħabba *parking* abbuziv li jeffettwa ħazin lir-residenti l-Kunsill ikollu jenforza. Il-Kunsill jixtieq li bil-għajnuna tal-ġenituri tinstab soluzzjoni biex il-ġenituri jiġbru t-tfal mill-bitħa ta' l-iskola.

## 6. Claims dwar ħsara.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill il-*file* li tal-*claims* u rreferiet għal-kazi 26 u 27 (mehmuza).

Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti li saru lill-pulizija fiż-żewġ kazi u innota li huwa dejjem jieħu ħsieb jimla l-ħofor immedjetament kif isir jaf bihom u speċjalment meta jkun maltemp il-ħaddiema joħorġu apposta kif it-temp jippermetti biex jiġu evitati inċidenti. Il-Kunsill nnota li l-ħsara li ġiet ikkawzata mill-maltemp ġiet irranġata diversi drabi ħlief meta t-triq kienet mgħarrqa bl-ilma, għaldaqstant il-Kunsill iħoss li mhux ħati ta' negligenza u mhux *liable* għad-danni.

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas ta' *Petty Cash*.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta' Novembru 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €14,171.67.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 8. Affarijiet Oħra.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq in-nuqqas ta' attendenza mill-membri tal-Kumitat Konġunt li kien qed iwassal għal-laqgħat b'membri anqas mill-kworum u li dan ilu għaddej snin u li ma jistax jkun li l-affarijiet jibqaw sejrin hekk. Il-Kunsillier G. Borg innota li huwa dejjem attenda l-laqgħat ħlief għal-laqgħa li saret il-ġimgħa li għaddiet. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija ma thoss li l-affarijiet mixjin sew speċjalment kommunikazzjoni ma l-Authorized Officer u hija qalet li mhux behsiebha tikkommunika aktar miegħu. Hija qalet li suppost li kommunikazzjonijiet mal-Kumitat Konġunt isiru mir-rapprezentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt u wieħed għandu jara li l-korrispondenza titressaq u li d-deċizjonijiet li jittieħdu jidħru fil-minuti. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi huwa tkellem ma l-Authorized Officer u behsiebu jżomm kuntatt miegħu hu u jżomm lill-Kunsill infurmat. Għaldaqstant l-ilmenti li jirrigwardjaw l-infurzar ser jiġu mgħoddija lill-Kunsillier G. Borg li minn naha tiegħu huwa għandu jikkommunika ma l-Authorized Officer u jżomm lis-Segretarju Ezekuttiv infurmata bid-deċizjonijiet u azzjoni li tkun ser titieħed.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-Kunsill ma jistax ikun li jibqa responsabbli għad-diversi materji li għaddew lilu matul is-snin mill-Gvern Ċentrali biz-żjieda ta' dmirijiet u responsabilitajiet li dejjem qed jiżdiedu u fl-istess ħin ir-riżorsi umani jibqaw li huma. Hija nnutat li l-ebda entrapriza ma taħdem bl-istaff limitat li jrid jaħdem bih Kunsill li huwa gvern lokali u cioe' Segretarju Ezekuttiv u żewġ skrivani *part-time* biss bħala impjeġati. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet, kieku l-Kunsillieri, li ma homiex impjeġati, ma jagħtux mill-ħin tagħhom biex isir ċertu xogħol kieku l-krizi ilha li nħasset ħafna aktar. Hija tat bħala ezempju kaz wieħed, dak tal-Viċi-Sindku li jieħu ħsieb jagħti x-xogħol lill-ħaddiema ta' l-IPSL u jagħmel ċertu speżżjonijiet kieku l-qagħada hija aktar gravi.

   Hija għamlet appell lill-Kunsillieri biex jiġbdu l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kkonċernati għan-nuqqasijiet li jinħassu u cioe' li l-Kunsill mhux attrezzat bi *staff* adekwat ta' nies professjonali bi dmirijiet speċifiċi li jkopru d-diversi responsabilitajiet taħt il-liġi. Hija nnutat li l-Kunsill xorta waħda qed jerfa dawn responsabilitajiet imma ma jistax fil-verita' jaqdi dawn ir-responsabilitajiet u mhux ġust li xi ħadd jaħdem f'dawn iċ-ċirkostanzi. Hija qalet li għalkemm semmiet biss lill-Viċi-Sindku bħala ezempju kull kunsillier jaf li huwa

stess ma jistax ilaħħaq bix-xogħol li għandu u mhux ġust li dawn l-affarijiet ma jintqalux biex tinstab soluzzjoni.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li fl-10 ta' Diċembru 2010 trid tinfetaħ il-kaxxa ta' l-offerti fir-rigward ta' l-offerta tal-Ġbir ta' Skart, RC 2/10 u jeħtieġ li l-Kunsill jaħtar żewġ kunsillieri biex jiftħu l-offerti fil-pubbliku. Il-Kunsill unanimament qabel li l-offerti għandhom jintetħu mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea u l-Kunsillier G. Borg.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data